# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Lulju 2008

## dwar in-nuqqas ta' l-inklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Annessi I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3854)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/681/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali [2] jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati bil-għan li possibbilment ikunu inklużi fl-Annessi I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Għal għadd ta' kombinazzjonijiet ta' sustanzi/tipi ta' prodotti inklużi f'dik il-lista, ġara li jew il-parteċipanti kollha waqfu mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm ta' reviżjoni, jew l-Istat Membru nnominat bħala Referent għall-evalwazzjoni ma wasallu l-ebda dossier komplut fil-perjodu ta' żmien speċifikat fl-Artikoli 9 u 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(3) Għalhekk, u skond l-Artikoli 11(2), 12(1) u 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri b'dan. Fit-22 ta' Ġunju 2007, l-informazzjoni ġiet ukoll ippubblikata elettronikament.

(4) Fil-perjodu ta' tliet xhur minn dik il-pubblikazzjoni, l-ebda persuna jew Stat Membru ma indika(t) interess biex jassumi/tassumi r-rwol ta' parteċipant għas-sustanzi u t-tipi ta' prodotti kkonċernati.

(5) Skond l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sustanzi u t-tipi ta' prodotti kkonċernati ma għandhomx għalhekk jiġu inklużi fl-Annessi I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-sustanzi u t-tipi ta' prodotti indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-għada tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2008/31/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 57).

[2] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

*ANNESS*

**SUSTANZI U TIPI TA' PRODOTTI LI MA GĦANDHOMX JIĠU INKLUŻI FL-ANNESSI I, IA JEW IB GĦAD-DIRETTIVA 98/8/KE**

| Isem | Numru KE | Numru CAS | Tip ta' prodott |
|---|---|---|---|
| Formaldehyde | 200-001-8 | 50-00-0 | 11 |
| Formaldehyde | 200-001-8 | 50-00-0 | 12 |
| Formaldehyde | 200-001-8 | 50-00-0 | 13 |
| 2-(2-butoxyethoxy)ethyl 6-propylpiperonyl ether / Piperonyl butoxide | 200-076-7 | 51-03-6 | 19 |
| 1,3-dibromo-5,5-dimethylhydantoin | 201-030-9 | 77-48-5 | 2 |
| 1,3-dibromo-5,5-dimethylhydantoin | 201-030-9 | 77-48-5 | 11 |
| 1,3-dibromo-5,5-dimethylhydantoin | 201-030-9 | 77-48-5 | 12 |
| Naphthalene | 202-049-5 | 91-20-3 | 19 |
| m-Cresol | 203-577-9 | 108-39-4 | 2 |
| m-Cresol | 203-577-9 | 108-39-4 | 3 |
| Hexa-2,4-dienoic acid / Sorbic acid | 203-768-7 | 110-44-1 | 8 |
| Benzyl benzoate | 204-402-9 | 120-51-4 | 18 |
| Benzothiazole-2-thiol | 205-736-8 | 149-30-4 | 2 |
| Benzothiazole-2-thiol | 205-736-8 | 149-30-4 | 7 |
| Benzothiazole-2-thiol | 205-736-8 | 149-30-4 | 9 |
| Benzothiazole-2-thiol | 205-736-8 | 149-30-4 | 11 |
| Benzothiazole-2-thiol | 205-736-8 | 149-30-4 | 12 |
| Benzothiazole-2-thiol | 205-736-8 | 149-30-4 | 13 |
| 2-hydroxy-4-isopropyl-2,4,6-cycloheptatrien-1-one | 207-880-7 | 499-44-5 | 10 |
| Sodium bromide | 231-599-9 | 7647-15-6 | 4 |
| Sodium bromide | 231-599-9 | 7647-15-6 | 6 |
| Sodium bromide | 231-599-9 | 7647-15-6 | 13 |
| Aċidu boriku | 233-139-2 | 10043-35-3 | 18 |
| Ammonium bromide | 235-183-8 | 12124-97-9 | 2 |
| Ammonium bromide | 235-183-8 | 12124-97-9 | 4 |
| Ammonium bromide | 235-183-8 | 12124-97-9 | 6 |
| Cis-tricos-9-ene | 248-505-7 | 27519-02-4 | 18 |
| 3-phenoxybenzyl-2-(4-ethoxyphenyl)-2-methylpropylether / Etofenprox | 407-980-2 | 80844-07-1 | 2 |
| 3-phenoxybenzyl-2-(4-ethoxyphenyl)-2-methylpropylether / Etofenprox | 407-980-2 | 80844-07-1 | 3 |
| (RS)-3-Allyl-2-methyl-4-oxocyclopent-2-enyl-(1R,3R)-2,2-dimethyl-3-(2-methylprop-1-enyl)-cyclopropanecarboxylate (taħlita ta' 2 iżomeri: 1R trans: 1RS biss 1:1) / Bioallethrin / d-trans-Allethrin | Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti | — | 18 |
| Spinosad: prodott tal-fermentazzjoni ta' mikroorganiżmi tal-ħamrija li fih Spinosyn A u Spinosyn D | Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti | — | 3 |